# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 748

KAZ NRU. 808

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Emanuel Calleja
Joseph Brincat
Philip Mifsud u
John Fiteni

u

Air Malta Co Ltd

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Chairman : Is-Sur Anthony Farrugia L.P.

## I. INTRODUZZJONI

Dan il-kaz gie riferit lil dan it-Tribunal mill-Ministru ta' l-Edukazzjoni u Rizorsi Umani permezz ta' ittra li ggib id-data tal-hdax (11) t'Ottubru, 1993 biex jigi deciz skond is-sub-artikolu (2) ta' l-artikolu 28 tal-Kapitolu 266 tal-Ligijiet.

## II. IL-MERITU TAL-KAZ

Emanuel Calleja, 'il quddiem jissejjah "l-appellant", li kien impjegat ma' l-Air Malta Company Limited, 'il quddiem tissejjah "il-Kumpanija" gie mkecci mill-impjieg li kellu wara li nstab hati, minn Bord ta' Dixxiplina, talli :-

(a) nhar it-tlettax (13) ta' Settembru, 1991, ghal habta ta' l-10.00p.m., bhala mpjegat tal-Kumpanija u permezz ta' intricci li seta' ghamel uzu minnhom minhabba l-impjieg tieghu, kien komplici biex setghat tintuza vettura tal-Kumpanija f'attentat ta' evazjoni tad-dazju;

(b) fl-istess gurnata, fil-mitjar ta' Hal-Luqa kien komplici biex inkisret il-procedura tas-sigurta' tal-Kumpanija billi ghabba bagalji, li waslu fuq titjira numru KM 191, fuq vettura tal-Kumpanija u kien strumentali biex ma jghaddux mill-procedura normali u jkun hemm attentat ta' evazjoni ta' dazju; u

(c) minhabba l-agir ta' l-istess appellant il-Kumpanija sofriet danni konsiderevoli konsistenti b'telfien ta' l-uzu tal-vettura wzata fl-attentat ta' evazjoni tad-dazju.

Joseph Brincat, Philip Muscat u John Fiteni, 'il quddiem jissejhu wkoll l-"appellanti", li wkoll kienu mpjegati mal-Kumpanija, tkeccew mill-impjieg li kellhom wara li nstabu hatja, mill-istess Bord tad-Dixxiplina, talli :

(1) nhar it-tlettax (13) ta' Settembru 1991, ghal habta ta' l-10.00p.m., wara li waslu lura Malta bit-titjira numru KM 191 minn Munich, waqt li kienu mpjegati tal-Kumpanija u permezz ta' intricci li setghu ghamlu uzu minnhom minhabba l-impjieg taghhom, kienu komplici biex setghat tintuza vettura tal-Kumpanija f'attentat ta' evazjoni tad-dazju;

(2) fl-istess gurnata, fil-mitjar ta' Hal-Luqa, kienu komplici biex inkisret il-procedura tas-sigurta' tal-Kumpanija biex

numru ta' bagalji m'ghaddewx mill-proceduri normali; u

(3) minhabba l-agir taghhom il-Kumpanija sofriet danni konsiderevoli konsistenti b'telfien ta' l-uzu tal-vettura wzata fl-attentat ta' evazjoni tad-dazju.

III. KONSIDERAZZJONIJIET

Dan hu kaz, li meta gie biex jiddecidieh, wara li jkun ikkunsidra d-Dikjarazzjoni tal-Kaz taz-zewg partijiet, il-provi kollha prodotti, id-dokumenti esibiti u s-sottomissjonijiet ta' l-istess partijiet, it-Tribunal zamm quddiem ghajnejh zewg principjі fundamentali li dejjem gew imharsa minn dan l-istess Tribunal, cioe':

(a) min jallega jrid jipprova; u

(b) it-tkeccija mill-impjieg hi decizjoni l-aktar drastika li wiehed ghandu jehodha bhala l-ahhar mezz biex isolvi Kwistjoni tax-Xoghol.

Biex issostni l-agir taghha, cioe' it-tkeccija ta' l-erba' appellanti mill-impjieg li kellhom maghha, il-Kumpanija allegat diversi nuqqasijiet da parti ta' kull wiehed mill-erba' appellanti u ghalhekk il-piz tal-prova jaqa' kollu u biss fuq l-istess Kumpanija.

Biex tipprova l-ewwel allegazzjonijiet cioe' li l-appellanti kienu komplici biex setghat tintuza vettura tal-Kumpanija f'attentat ta' evazjoni tad-dazju u biex inkisret il-procedura tas-sigurta' tal-Kumpanija biex numru ta' bagalji m'ghaddewx mill-proceduri normali, il-Kumpanija ssottomettiet li "l-'Airport Pass' ta' l-appellant Calleja nstab gewwa l-vettura fejn instab il-kuntrabandu" li

kien jikkonsisti f'disa' bagalji li fihom kien hemm sittax "video recorders", tlettax "video cameras" u zewg "radio casettes" tal-karozzi.

Izda l-Kumapanija ma pproducietx bhala xhud il-persuna li allegatament sabet l-imsemmi "Airport Pass"; f'dan ir-rigward. Wilfred Borg, Group Head Passenger Services, li kien involut fl-investigazzjonijiet ghan-nom tal-Kumpanija, xehed testwalment : "Id-dwana avzawni fuqu" (fuq l-"Airport Pass").

Rigward din il-prova, l-istess Kumpanija, fl-Istqarrija Finali taghha, ssottomettiet testwalment "Din il-prova hija wahda li hi ammessa mill-Kumpanija li hija 'circumstantial' u wehidha ma tiggustifikax il-fatt li Calleja nstab hati mill-Kumpanija. Din il-prova tikkonsisti fil-fatt illi l-"Airport Pass" ta' Calleja nstab gewwa l-vettura fejn instab il-kuntrabandu. Dan il-fatt wahdu, minkejja illi jindika illi Calleja kien saq din il-vettura probabilment bhala l-ahhar wiehed li saqha qabel ma nstab il-kuntrabandu, ma kienx ikun bizzejjed biex tigi stabbilita l-htija".

Ghalkemm ma kienx kompitu tieghu ghaliex, kif ga ntqal, il-piz tal-prova hu kollu u biss fuq il-Kumpanija, l-appellant Calleja pproduca diversi xhieda biex jipprova li wara li spicca mix-"shift" tieghu fit-8.00p.m. hu hareg maghhom mill-Ajruport. Dawn ix-xhieda l-Kumpanija kkunsidrathom bhala mhux rilevanti ghaliex ghalkemm l-istess Kumpanija "ma tinnegax illi l-appellant Calleja seta' hareg mill-Ajruport, jekk ghamel hekk pero' rega' dahal" u

waqfet hawn; ma pproduciet ebda xhud biex tipprova li, fil-fatt, l-istess appellant Calleja rega' dahal fl-Ajruport wisq anqas li uza l-imsemmija vettura u fuqha ghabba l-imsemmija disa' bagalji.

Ebda xhud prodott mill-Kumpanija ma gharaf jirrispondi ghad-domandi tat-Tribunal dwar kif, fejn u meta l-appellant Calleja ghabba l-imsemmija disa' bagalji fuq l-imsemmija vettura; l-anqas l-Ispettur Martin Baylis, li kkonduca l-investigazzjonijiet ma gharaf jaghmel dan; hu rrisponda testwalment "Ma rrizultalix".

Dwar dawn l-ewwel allegazzjonijiet il-Kumpanija ssottomettiet ukoll li hi qaghdet fuq ix-xhieda ta' l-imsemmi Spettur Baylis li xehed li l-appellant Calleja kien stqarr mieghu li hu kien imdahhal f'din l-operazzjoni ta' kuntrabandu. L-istess Spettur Baylis zamm din il-verzjoni kemm fil-proceduri kriminali, li ghalihom issir riferenza aktar 'il quddiem, kif ukoll waqt is-smigh quddiem dan it-Tribunal anke meta gie kkonfrontat ma' l-appellant Calleja.

L-istess appellant Calleja nnega illi hu qatt ghamel l-imsemmija stqarrija. Hu stabbilit li ghall-ahjar amministrazzjoni tal-gustizzja kwalunkwe stqarrija ghandha tkun ikkunsidrata bhal kwalunkwe prova ohra u ghalhekk hi wkoll sottomessa ghall-gudizzju ta' kredibilta' bhal kull prova ohra minn min ghandu l-kompitu li jiggudika, f'dan il-kaz dan it-Tribunal.

L-istess Spettur Baylis ressaq lill-istess appellant Calleja quddiem il-Qorti Kriminali u akkuzah li "ha sehem jew assista fl-importazzjoni u/jew fil-hatt ta' diversi oggetti biex xjentement

bl-agir tieghu jkun jista' jigi evadut id-dazju ghad-dannu tal-Gvern ta' Malta". Il-Qorti tal-Magistrati, presjeduta mill-Magistrat Dottor Silvio Meli, b'sentenza tal-hamsa (5) ta' Lulju, 1994, illiberat lill-istess appellant Calleja wara li kienet sodisfatta "li l-Prosekuzzjoni ma lahqitx il-grad ta' prova rik-jesta mill-Ligi biex tinstab il-htija minnha mitluba".

Rigward dawn il-proceduri kriminali, il-Kumpanija ssottomettiet, "inter alia" illi l-akkuzi kriminali li saru kontra Calleja u c-"charge" amministrattiv li harget il-Kumpanija, ghajr li jirreferu ghall-istess incident, la huma identici u lanqas ma huma simili. ...... Apparti l-fatt li huma naxxenti mill-istess incident ma hemmx konnessjoni bejniethom". Ghar-rigward ta' dawn l-ewwel allegazzjonijiet, fil-konfront ta' l-appellanti Brincat, Mifsud u Fiteni, il-Kumpanija ssottomettiet, "inter alia" illi :

(a) "f'wahda mill-bagalji nkriminati nstab ktieb tal-bank fl-isem 'J. Fiteni'. Fid-direttorju tat-telefon, edizzjoni 1992, hemm hames 'J. Fiteni'; fuq bilanc preponderanti ta' proba-bilta', il-ktieb ighajjat lill-istess J. Fiteni li vvjagga fuq KM 191 minn Munich fil-gurnata materjali, cioe' l-appellant Fiteni"; u

(b) "ohra mill-bagalji, li kellha 'tape' kannella bhall-ohrajn, kellha 'Baggage Tag' bin-numru LH 991759, liema numru huwa identiku ghal dak li hemm mehmuz ma' Passenger Copy tal-biljett li uza Fiteni biex jivvjagga minn Munich ghal Malta fuq KM 191 fil-gurnata materjali, kif instab mill-Pulizija wara tfittxija fir-residenza ta' Fiteni".

Fil-fehma tat-Tribunal semplicement indizji li ma jwasslux ghal

htija certa.

Bhala parti mill-investigazzjonijiet, il-pulizija baghtet ir-ritratti ta' l-appellanti Brincat, Mifsud u Fiteni lill-Interpol, f'Londra biex imorru fi hwienet, li gew indikati lilhom mill-istess Pulizija u jinvestigaw u jaraw jekk jgharfux lill-imsemmija tlett appellanti, bhala l-persuni jew persuna li kienu xtraw minghandhom l-imsemmija oggetti misjuba fl-imsemmija vettura.

Minn din l-investigazzjoni ma rrizulta xejn pozittiv fis-sens li ebda wiehed mis-sidien tal-hwienet indikati ma gharaf lill-ebda wiehed mit-tlett appellanti bhala l-persuna jew persuni li kienu xtraw l-imsemmija oggetti.

Il-Kumpanija allegat ukoll li minhabba l-agir ta' l-erba' appellanti hi sofriet danni konsiderevoli konsistenti b'telf ta' l-uzu tal-vettura wzata fl-attentat ta' evazjoni tad-dazju. F'dan ir-rigward il-Kumpanija ma giebet ebda prova ragonevoli dwar x'kienu dawn id-danni "konsiderevoli" ghajr li l-vettura in kwistjoni kienet giet konfiskata mill-Pulizija u damet hekk ghal hafna xhur.

Il-Kumpanija ma gabet lanqas prova li matul iz-zmien li fih il-vettura kienet konfiskata hi hallset xi somma ta' flus biex kriet vettura ohra biex taghmel tajjeb ghan-nuqqas tal-vettura konfiska-ta. Wara li l-Kumpanija allegat li hi sofriet "danni konsiderevo-li" it-Tribunal stenna li l-istess Kumpanija tipproduci provi u dokumenti li bihom tipprova dawn l-allegati "danni konsiderevoli"; ghal kuntrarju, kif ga nghad, il-Kumpanija ma gabet l-anqas l-

icken prova.

Hu veru, kif issottomettiet il-Kumpanija, li hi hadet id-decizjoni biex tkecci l-erba' appellanti fuq il-prova li kellha f'idejha f'dak iz-zmien pero' hu daqstant veru li wara l-imsemmija sentenza l-istess Kumpanija setghat hasset id-dmir li tirrevedi l-kastig li nghata lill-istess erba' appellanti.

Fil-fehma ta' dan it-Tribunal dan il-kastig ukoll jekk ghall-grazzja ta' l-argument huma fil-fatt wettqu dak kollu li gie allegat li wettqu, mhux proporzjonat ghal dak li suppost wettqu, anzi hu ferm esagerat meta wiehed jikkunsidra li, kif ga nghad, il-Kumpanija ma sofriet ebda danni materjali.

Is-sottomissjoni da parti tal-Kumpanija li fiz-zmien ta' l-incident hi "kienet taht il-lenti tad-dinja, f'dak li jirrigwarda sigurta', wara l-istragi ta' Lockerbie" biex issahhah id-decizjoni tat-tkeccija, fil-fehma ta' dan it-Tribunal hi barra minn lokha b'mod partikolari ghaliex, kif inhu maghruf l-enfasi dwar is-sigurta' dejjem sar fuq dak li jitghabba fuq l-ajruplani u mhux fuq dak li jinhatt minn fuqhom.

Ghalhekk, in vista tal-premess, fil-fehma tat-Tribunal, il-Kumpanija ma ppruvatx sodisfacentement li hi kellha raguni "tajba u bizzejjed" biex ittemm l-impjieg ta' l-erba' appellanti u ghal-hekk l-istess Kumpanija ghandha ssofri l-konsegwenzi ta' l-agir taghha.

IV. DECIZJONI

Ghar-ragunijiet premessi, dan it-Tribunal, wara li jiddikjara li l-Kumpanija cioe' l-Air Malta Company Limited itterminat l-impjieg maghha ta' l-erba' appellanti, cioe' Emanuel Calleja, Joseph Brincat, Philip Mifsud u John Fiteni, mhux ghal raguni "tajba u bizzejjed". Wara li ra s-subartikolu (1) (b) ta' l-artikolu 33 ta' l-imsemmi Kapitolu tal-Ligijiet, jordna li l-istess Kumpanija ddahhal lura fl-impjieg li kellhom maghha l-istess erba' appellanti ("reinstatement") bl-istess kundizzjonijiet u drittijiet li kellhom dakinhar li twaqqfu mix-xoghol; il-hlas ta' dak kollu li hu dovut lilhom ghandu jsir mhux aktar tard mill-wiehed u tletin (31) ta' Dicembru 1996.

Ghall-finijiet tar-Regolamenti ta l-1986 dwar Drittijiet li Jithallsu (A.L. 48 ta' l-1986) maghmula taht l-istess Kapitolu, it-Tribunal qieghed jintaxxa, lil kull wiehed miz-zewg difensuri, id-drittijiet fis-somma ta' erbghin liri maltin (Lm40).

B'hekk dan it-Tribunal itemm dan il-kaz.

SEGRETARJU TRIBUNAL INDUSTRIJALI

Vera Kopja

ft/Anthony Farrugia
CHAIRMAN

Illum : Tlieta (3) t'Ottubru 1996

-----------------------

George Attard
SEGRETARJU
mrg